# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

**- TKISSIR TAZ-ZWIEG MINHABBA ADULTERJU MIZ-ZEWG KONJUGI -**

**- ARTIKOLU 38 TAL-KAP. 16 -**

Rikors Guramentat Nru. 116 / 09RGM

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur fejnippremetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta ta' Lulju 1993 minn liema zwieg kellhom tifla jisimha E (imwielda fil-5 ta' Novembru 1994) u tifel, jismu D (imwieled fit-3 ta' Settembru 1999);

2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba stil ta' hajja sregolata tal-konvenuta, kif ukoll adulterju, eccessi, minaccji, ingurji gravi u krudelta psikologika fil-konfront ta' l-esponent;

3. Illi l-esponent ghamel diversi sforzi sabiex jilhaq ftehim bonarju, liema sforzi ma rnexxewx in vista tat-talbiet ezagerati tal-konvenuta;

4. Illi l-attur jiddikjara li jaf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati, u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex mghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin;

2. Tapplika kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet imposti jew imponibbli ai termini ta' 1-artikoli 48 et seq. Kap.16 Ligijiet ta' Malta;

3. Takkorda lill-konvenuta l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, filwaqt illi tillikwida l-manteniment li ghandu jkompli jhallas l-attur ghat-tfal minuri fis-somma ta' sebghin euro (€70) kull wiehed u wahda, u tirrizerva favur l-attur access liberu jew tiffissa granet u hinijiet ta' access skont il-htiega;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi taqsam u tassenja li l-partijiet rispettivi l-ftit beni li ser jirrizultaw;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunt in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li ddikjarat is-segwenti;

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti intavolat kawza quddiem din 1-Onorabbli Qorti fl-ismijiet inversi u ghalhekk dawn il-kawzi ghandhom jinstemghu fl-imkien minhabba l-fatt li jittrattaw l-istess mertu.

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti qieghda tikkontesta r-ragunijiet ghall-firda ta' bejnithom stante illi huwa r-rikorrenti li jahti ghal din il-firda.

3. Illi fit-tielet lok l-esponenti ghandha tinghata l-kura u 1-kustodja tat-tfal kif ukoll ghandu jinhareg manteniment xieraq kemm ghaliha kif ukoll ghall-minuri.

Rat l-affidavit tal-attur anness mar-rikors promotorju Fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-18 ta’ Gunju 2009 fejn il-Qorti ordnat li l-provi li jinstemghu fil-kawza 468/08 jigu meqjusa li jinstemghu f’din il-kawza;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 2009 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Stephanie Galea bhala Avukat ta-Tfal biex tisma lill-minuri E u

D u taghamel ir-rakkomandazzjonijiet, u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lill-Avukat Dottor Fransina Abela;

Rat l-affidavit tal-konvenuta ppresentat fis-seduta tal-14 ta’ Jannar 2010, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol.23 sa25 tal-process;

Rat il-kontroezami tal-attur li xehed fis-seduta tas-17 ta’ Novembru 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, u fis-seduta sussegwenti tas-16 ta’ Marzu 2011

Rat x-xhieda ta’ Raymond Mamo, Pawlu Vella u ta’ Gilbert I li xehdu fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2011, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tar-rappresentanti tal-banek u ta’ Paul Gauci li xehdu fis-seduta tat-12 ta’Gunju 2012, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta’ Lulju 2013 fejn l-Qorti nnominat medjatur biex possibilment il-partijiet jaslu ghal separazzjoni konsenswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Novembru 2013 fejn il-Qorti giet infurmata li l-partijiet ma ftehmux, gie revokat l-inkariku tal-medjatur u l-Qorti ordnat li l-gbir tal-provi fil-kawza 468/08 jitkompla mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Fransina Abela u tal-kawza 116/09 jsir mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Juliana Scerri Ferrante;

Rat il-kontroezami tal-konvenuta li sar fis-seduta tal-25 ta’ April 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol. 180 u 181 tal-process;

Rat il-provi kollha mressqa fil-kawza fl-ismijiet citaz nru 468/08 u n-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ A B Fol. 178 fil-process 468/08;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2015, fejn Sylvan B nghatat sat-30 ta’ Gunju 2015 ghall-prezentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet liema nota ma gietxipprezentata.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attur ipprezenta l-affidavit tieghu anness mar-rikors promotorju Dok. A Fol. 4 u 5 tal-process. Hu ddikjara li z-zwieg falla minhabba l-istil ta' hajja li qabbdet martu, granet shah barra jew tahsel ghand in-nies jew tigri mal-hbieb fil-kafetteriji u l-hwienet. Xehed li kienet taghmel il-faccendi bil-lejl biex ma thallihx jorqod jew tohrog wahedha u taghmel lejl barra mill-11pm sal-5am. Bilkemm kienu jiltaqghu, flus dejjem tberbaq qatt ma jservuha u dejjem jonqosha. Bhala propjeta' kkonferma li qatt ma kellhom xejn, id-dar residenza taghhom, kienet mikrija lilu qabel z-zwieg u ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li tibqa' tghix fiha hi sakemm trabbi lill-uliedhom. Hu ma joggezzjonax li l-vettura Toyota Tercel izzommha hi billi hu jsuq van tax-xoghol li ghandu bi shab ma' siehbu, billi flimkien jahdmu fix-xoghol tal-gebel. Hu jghid li qatt ma faddlu flus ghax hi kienet tberbaq kollox. Fethu zewg kontijiet a beneficcju tat-tfal, u ddikjara li kienu ftehmu li jibqghu f'isimhom. Hu ma ghandux oggezzjoni li martu zzomm il-kura u kustodja tat-tfal, u ma kienx hemm problema ta' access billi dawn jistghu jarawh kemm ghand ommu li toqghod fil-vicin, kif ukoll fil-garage tax-xoghol li jinsab fl-istess inhawi u hu jkun hemm ta' spiss. Dwar il-manteniment ddikjara li b'sacrificju ihallas Euro 140 fil-gimgha ghaz-zewg ulied, li jaqla' LM5,000 (ma qalx kull meta jaqlahhom) li martu tahdem billi tahsel ghand in-nies bla ktieb u ma jafx kemm taqla'. Martu tircevi ukoll il-beneficcji socjali, u accetta li jibqa' jhallas manteniment ghal-uliedu fl-ammont ta' Euro 70 fil-gimgha kull wiehed ghat-tfal, pero' li ma ghandux jhallas manteniment ghal martu. Finalment iddikjara li ppova kemm-il darba jikkonkludi separazzjoni bonarja billi hu kien dispost jaccetta li hi tibqa' fid-dar, izzomm l-ghamara kollha, izzomm il-karozza u jkompli jhallas il-manteniment ghat-tfal, izda qatt ma waslu ghall-ftiehem billi hi kienet tipprettendi somma flus jew li jixtrilha post.

L-attur ammetta li kien f'relazzjoni ma' G I, omm Gilbert, li kien jahdem mieghu, (Fol. 34 tal-process, seduta tas-17 ta' Novembru 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.) B'risposta ghad-domanda tal-legali tal kontroparti ddikjara "Il-gimgha kollha norqod hemm." Ikkonferma li l-van tax-xoghol li jsuq hu mhux tieghu izda hu registrat fuq isem omm Gilbert. Hu kkonferma li kien qed jahdem mal-perit Ivan Cachia li kien jhallsu £M20 kull jum. Fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fis-16 ta' marzu 2011 ipprezenta Vat Returns mis-sena 2007 sat-2010, li minnhom jirrizulta li qala' (gross )£M14,715 bejn l-1 ta' Ottubru 2006 u t-30 ta' Settembru 2007; Euro15,677 bejn l-1 ta' Jannar 2008 u it-30 ta' Settembru 2008; Euro24,901 bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009 u Euro 14,937 bejn l-1 ta'Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2010. Dwar id-dokument li sabet martu id-dar, kont tal-Ballut Blocks Dok BC 5 Fol. 49 tal-process, li juri li kellu jiehu Euro18,491.61 qal li kien parti minn xoghol ta' Paul Gauci, li kien ghamel xi tpartit, u ma jafx x'kellu qlieh, u li kien ta' aktar minn sena wahda.

Gilbert I, pero', li xehed fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011, Fol. 60 tal-process, cahad li A B kellu relazzjoni ma' ommu, u ddikjara li qatt ma kien jorqod ghandhom

izda kien jorqod ghand ommu. Hu kkoferma li jahdmu bi shab u li fl-ahhar sitt xhur hu qala' Euro4,000.

Fl-istess seduta xehed Pawlu Vella ghall-Ballut Blocks li kkonferma li jaf lil A B bhala klient taghhom u esebixxa Dok. PV1 Dok. PV9 Fol. 64 sa 72 tal-process, li huma l-ordnijiet tax-xoghol ordnat mill-attur. Minn notament fuq id-Dok.PV1 jirrizulta li A B xtara circa Euro 10,000 fit-2006, Euro11,000 fit-2007, Euro21,650 fit-2008, Euro12,300 fit-2009, u Euro360 fit-2010. Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, A Borg ghas-socjeta' G&P Borg ipprezenta zewg dokumenti BB1 u BB2 li minnhom jirrizulta li A B rceva pagament ta' £M1024 b'cheque tal-14 ta' Marzu 2003 u rceva pagament iehor ta'Euro3388.66 fis-16 ta' April 2012, Fol. 88 u 89 tal-process.

Il-konvenuta, C B, pprezentat l-affidavit taghha fis-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, fl-14 ta' Jannar 2012 Fol. 23 sa 25 tal-process.

Hi lmentat mill-fatt li zewgha qatt ma kien prezenti fil-hajja matrimonjali, billi kien aktar interessat fid-delizzju tieghu taz-zwiemel u familtu, tant li kien jqatta' il-hin liberu kollu tieghu fir-remissa fejn kellu z-ziemel jew fir-remissa tal-hbieb. It-tfal ma kellu l-ebda interess fihom, lanqas meta t-tifla kienet ser taghamel il-l-pracett. Kienet tikbi u tinkwieta, tant li kienu jaqbduha il-'panic attacks'. Kienet tkun miguwha bix-xjatika izda zewgha ma kienx johodha l-isptar. Hi kkonfermat li kien jonfoq hafna flus fuq iz-zwiemel u kien ukoll jitlef il-flus meta kien jaghmel xi negozju dwar iz-zwiemel. L-ewwel erba' snin kienu jghixu ghand il-familja taghha, fejn hu kien imur biss biex jorqod, wara marru fir-razzett ta' nannuh li kien fih biss zewgt ikmamar, u bnew kcina u toilet fil-bitha. Hi kkonfermat li kien jmur id-dar biss biex jiekol, jinhasel u jorqod, hadd ma jista' jkellmu ghax jibda jghajjat u jheded. Bil-flus li kien jonfoq fuq iz-zwiemel qatt ma setghu jixtru dar. Hi ddikjarat li kien jghidilha:

*"Flusi nahdem ghalihom jien u nonfoqhom kif irid jien. Hajti tieghi u tindahalhiex x'naghamel. Int postok hawn mat-tifla."*

Hi kkonfermat li minnhabba l-vjolenza tieghu rrikorriet ghand l-Agenzija Appogg, Home Domestic Violence, billi kien jheddidha li jaghlaqha ta' Frankuni. Hi kienet mwerwra minnu. Kien bis-sahha tat-tabib Dr Victor Theuma li ma ghalaqhiex hemm. Hi rrakkontat incident meta l-kelb tal-familja tieghu hattaf wicc it-tifla li spiccat l-isptar, incident li rrepeta ruhhu mat-tifel D u bezzghet tghid li l-kelb kien taghhom, tant li hassha hazin u mill-Qorti ttiehdet bl-ambulanza.

Semmiet l-incident meta zewgha ta c-cavetta tad-dar lil tfajla u din marret ghall-gharrieda meta t-tifla kienet qed tinhasel. Dak inhar tlewmu izda hu zamm ma' din it-tfajla, u heddidha li tohrog 'l barra hi mhux din it-tfajla. Wara dan l-incident

ha hwejjgu u telaq mid-dar. Wara kompla jeddidha bit-telephone, ghamlitlu rapport l-ghassa u garanzija bil-Qorti.

Hi ddikjarat li wara 14 il-sena mieghu issa tinsab kuntenta tghix id-dar mat-tfal, bla biza', ikkonfermat li ma kienx jhalliha tahdem u l-paga li kien jaghtiha kienet bil-kemm isservi. Hi faddlet xi flus ghat-tfal mic-Children's Allowance, pero' hi ma kellhiex kontijiet fil-banek, u li hu kien jonfoq kollox fuq id-delizzju taz-zwiemel.

C B xehdet fis-seduta tal-25 ta' April mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju. Hi kkonfermat li id-dar matrimonjali 174, Our Nest, Triq San Giljan, San Gwann kienet originarjament mikrija lil Francis Zammit, in-nannu ta' zewgha, dan saret tafu mill-ufficju tal-Joint Office, u ma kellhomx propjeta' ohra. Flus ma kellhiex billi kollox kien jahbi minnha, pero' rrnexxhiela tfaddal Euro 4,000 ghat-tifla u l-istess ammont ghat-tifel u dwar dan ipprezentat kuntratt pubblikat minn-Nutar Joseph Henry Saydon fl-4 ta' Frar 2014, meta bintha E kienet gia' mizzewga billi giet indikata bhala mart F Galea. Hi ddikjarat li ma kellhiex relazzjoni ma' haddiehor u li qatt ma dahlet lil hadd jghix maghha d-dar, pero' ammettiet li mill-14 ta' Dicembru 2007, meta zewgha kien diga' telaq mid-dar hi saret habiba ta' H G izda mhiex f'relazzjoni mieghu billi ma jikkoabitawx. Iddikjarat li zewgha kien jigi d-dar fil-5am, xurban bix-*"xaghar tan-nisa mwahhlin fuqu"*.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Irrizulta mill-provi li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Lulju 1993, kellhom zewg ulied, E, li twieldet fil-5 ta' Novembru 1994, u D li twieled fit-3 ta' Settembru 1999. Damu jikkoabitaw ghal erbatax-il sena, meta r-ragel telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix ghand ommu.

Il-Qorti giet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti mill-partijiet. Skont ir-ragel iz-zwieg tkisser minhabba lis-stil ta' hajja ta' martu li kienet taghmel granet shah barra ghand in-nies jew tigri mal-hbieb fil-hwienet u l-kaffeteriji. Kienet tohrog lejl shih mid-9pm sal-5am, tant li ddikjara li bil-kemm kien jaraha. Kienet tonfoq u tberbaq kull ma kien jaghtiha, il-flus kienu dejjem jonqsuha u qatt ma jservuha. Kien jkollhom xenati ta' spiss u finalment iddecida li jitlaq mid-dar u jmur jghix ghand ommu.

Skont il-mara mill-banda l-ohra z-zwieg falla billi ir-ragel ma kienx jippartecipa fil-hajja tal-familja, ma wera l-ebda interess fit-tfal u fit-trobbija taghhom, u kien aktar interessat fid-delizzju taz-zwiemel u l-hbieb li kelllhom l-istess delizzju. Kien passiv u indifferenti u skont hi d-dar kien jmur biss biex jiekol, jorqod u jinhasel. Kien jahdem ta' bennej fl-industrija tal-kostruzzjoni pero' x'kien jaqla' minn xoghlu ma kienx jghidilha, anzi kien jonfoq kollox fuq iz-zwiemel. Kien hemm ukoll incidenti ta' vjolenza, u l-incident partikolari tat-tfajla li hu kien ta c-

cavetta tad-dar, u nqalghet glieda bejniethom meta r-ragel zamm ma’ din it-tfajla li lill-mara qaltilha li ma kellha xejn mill-post.

Fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2012 mizmuma mill-assistent Gudizzjarju xehdu r-rapprezentanti tal-banek. Irrizulta li l-partijiet ma kellhom l-ebda kont fil-Banif Bank (Malta) plc, u fil-Lombard Bank Limited. Fil-Bank of Valletta plc kien hemm erba’ kontijiet, tlieta f’ismu u wiehed f’isimha, pero’ kont wiehed biss kien ghadu attiv, f’ismu wahdu bil-bilanc ta’ Euro223.23. Dok Ra3 Fol.113 sa 131 tal-process hu statement of account ta’ kont tal-Bank of Valletta plc li minnu jirrizulta li l-manteniment thallas regolarment mill-21 ta’ Novembru 2008 sat-13 ta’ April 2012.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tar-ragel, Fol. 178 sa 180 tal-process, gie sottomess li mix-xoghol tieghu ghandu dhul normali, li dejjem hallas il-manteniment u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-fond matrimonjali ghalkemm kien okkupat minn martu u mhux minnu. Dwar il-fatt li rrnexxhielha iggemma l-flus ghat-tfal hu interpretaha li din kienet il-konferma li hi kienet tabbuza bih fil-flus. Hu kkonferma li kien dispost ihallas l-manteniment ghall-ibnu l-minuri sakemm jsir maggiorenni jew jibda jahdem.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel, billi l-fond kien originarjament okkupat min-nannu tieghu b’lokazzjoni, l-attur in fatti jinsisti li ghandu jinghata d-dritt li d-dar jokkupaha hu, ma’ ibnu l-minuri kemm il-darba dan jkun irid, ad eskluzjoni ta’ martu.

Il-partijiet jaqblu li l-vettura Toyota Tercel li tinsab f’idejn il-mara tibqa’ ghandha, peress li r-ragel ghandu f’idejh van tax-xoghol li hu registrat f’isem terzi.

Dwar ir-responsabilita’ ghat-tifrik taz-zwieg, fl-imsemija nota ir-ragel ssottometta li din kienet responsabilita’ tal-mara, li l-prioG’ taghha kienet li tinghata aktar flus mir-ragel u li kkomettiet adulterju billi ammettiet li kienet ilha f’relazzjoni ma’ H G sa mill-14 ta’ Dicembru 2007 cioe’ qabel ma bdew il-kawzi bejniethom.

Ikkunsidrat;

Skont **artikolu 40 tal-Kap. 16** kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddied jew offizi gravi, jew minhabba li l-hajja konjugali ma tibqax aktar possibli ghax iz-zwieg ikun tkisser irrimedjabilment.

Skont l-**artikolu 38 tal-Kap. 16** kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minnhabba l-adulterju tal-parti l-ohra. Il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew il-mara jaghti lok ghal-firda minnhabba adulterju, huma elenkati fl-artikolu 48.

Id-dmir tal-mizewgin ghall-manteniment lejn l-ulied hu stabbilit bl-**artikolu 3B tal-Kap. 16**.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti mill-mara rrizulta sodisfacentement illi matul iz-zwieg tal-partijiet ir-ragel ma wera l-ebda interess ghall-hajja matrimonjali billi ma kienx iqatta' il-hin liberu tieghu mal-familja, fid-dar ma kienx jkun billi l-isfog tieghu kien d-delizzju taz-zwiemel.

Dan in-nuqqas ta' hin prezzjus flimkien mal-familja tieghu ipprecipita krizi fir-relazzjonijiet ta' bejniethom, b'incidenti frekwenti ta' intolleranza li f'xi kazi eskalaw ghall-incidenti ta' vjolenza tant li l-mara kellha tirrikorri ghall-Agenzija Appogg ghall-protezzjoni kif ukoll b'rapporti ghand il-pulizija. Il-mara allegat li barra l-vjolenza u l-eccessi kien hemm l-adulterju da parti ta' zewgha. Hi kkonfermat li kien jigi lura id-dar xurban u bix-xaghar ta' mara fuq hwejgu, apparti l-incident ta' dik it-tfajla li r-ragel kien taha c-cavetta tad-dar matrimonjali. Ir-ragel effettivament ammetta li kien f'relazzjoni adultera ma' certu G I mir-Rabat.

Min-naha tieghu r-ragel jallega li l-mara ikkomettiet adulterju ma' certu H G. Dwar dan jigi rilevat li meta l-mara rrakontat l-incident vjolenti meta zewgha attakaha b'hadida (xhieda taghha fis-seduta quddiem il-Qorti tat-22 ta' Novembru 2012 Fol. 87 sa 89)  fil-kawza nru. 468/08, hi ammettiet li l-incident sar fil-presenza tal-partner taghha, li mar ghamel rapport l-ghassa fejn gie aggrediet mir-ragel. Fis-seduta tal-25 ta' April 2014 (mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju , Fol. 180 tal-process) ikkonfermat li ilha mas-sieheb taghha sa mill-14 ta' Dicembru 2007. Hi tghid *"Ahna hbieb mhux relazzjoni"*. Pero' tghid ukoll *"Jien issa ghandi relazzjoni kif ghandu hu"*. F'din id-data kien ghadhom ma bdex il-proceduri fil-Qorti, il-kawza nru 116/09 giet ipprezentata fis-17 ta' April 2009 mentri il-kawza 468/08 giet ipprezentata fid-9 ta' Dicembru 2008

Dan ifisser li kemm il-mara kif ukoll ir-ragel ikkomettew adulterju li kien il-kagun principali ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.  Il-komportament tal-mara qabel is-separazzjoni de facto tal-partijiet jammmonta ghall-eccessi filwaqt li l-komportament tar-ragel qabel is-separazzjoni de facto tal-partijiet jammonta ghal eccessi u offizi gravi.

Iz-zewg kawzi numri 468/08 u 116/09 qed jigu decizi kontestwalment.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' parzjalment it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba, tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahtu z-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom minhabba adulterju u eccessi da parti tal-konvenuta u minhabba adulterju, eccessi u agir vjolenti da parti tal-attur u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin;

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenuta is-sanzjonijiet imposti jew imponibbli ai termini ta' 1-artikoli 48 et seq. Kap.16 Ligijiet ta' Malta;

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba u takkorda lill-konvenuta l-kura u l-kustodja tal-minuri D peress li t-tifla E llum hi maggorenni filwaqt li tillikwida l-manteniment li l-missier ghandu jhallas lill-omm ghall-minuri D fis-somma ta' mitejn u tmenin ewro (€280) kull erba' gimghat li jinkludi sehem il-missier mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-imsemmi minuri u takkorda lill-missier access liberu ghall-imsemmi minuri Own.

4. Tilqa' r-raba' talba, tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tassenja l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali lill-mara, il-vettura gia' fil-pussess tal-mara lill-mara, il-kontijiet bankarji jigu assenjati f'isem min fil-prezent jinsabu intestati. Kull parti qed tigi assenjata l-effetti mobbli li fil-prezent jinsabu fil-pussess tieghu jew taghha.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**